

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla jew tnaqqas il-multa imposta mill-Kummissjoni fuq Emme Holding permezz tad-deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju 2010 (Każ COMP/38344) — Azzar użat għall-prestressing;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Id-deċiżjoni kkontestata f'din il-kawża hija l-istess waħda inkwistjoni fil-Kawża T-385/10, Arcelormittal Wire France et vs Il-Kummissjoni.

B'mod partikolari r-rikorrenti ssostni:

- li ma huwiex ġustifikat li hija tiġi attribwita r-responsabbiltà għal ksur uniku u kontinwat ikkostitwit mill-kollektività tal-akkordji Ewropej (il-club Europa) u nazzjonali/regionali (il-club Italia, il-club España u l-Ftehim tan-Nofsinhar). Fil-fatt, hija qatt ma pparteċipat (b'mod attiv jew passiv) fuq il-livell Ewropew tal-ksur allegat. Bl-istess mod, Trame ma kinitx taf bl-eżiżenza eventwali ta' akkordji regionali jew nazzjonali f-pajjiżi oħra minbarra l-Italja.
- li d-deċiżjoni tieħu inkunsiderazzjoni kemm il-kejbils b'7 wajers kif ukoll il-kejbils bi 2 jew 3 wajers. Ir-rikorrenti min-naħa l-oħra tenfasizza li l-kejbils bi 3 wajers qatt ma kienu s-suġġett ta' akkordju fl-ambitu tal-club Italia. Id-dħul mill-bejgħ iġġenerat minn dan il-prodott ma għandux għal-hekk jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-multa.

Ir-rikorrenti titlob ukoll tnaqqis tal-multa abbażi tal-parteċipazzjoni marġinali tagħha fil-ksur allegat kif ukoll abbażi tan-nuqqas ta' kapaċità kontributtiva tagħha.

### Rikors ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2010 — Redaelli Tecna vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-423/10)

(2010/C 317/65)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

Rikorrenti: Redaelli Tecna SpA (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: R. Zaccà, M. Todino, E. Cruellas Sada, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tikkonsta l-parteċipazzjoni ta' Redaelli fl-akkordju previst fl-imsemmija deċiżjoni għall-perijodu 1984-1992 biss;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tiċċeb id-diskutjoni klemenza ta' Redaelli u, konsegwentement, tnaqqas b'mod sinjifikattiv il-multa abbażi tal-kontribuzzjoni mogħtija minn Redaelli fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni permezz ta' din it-talba;

— barra minn dan, għal raġunijiet ta' ekwid, tnaqqas il-multa imposta fuq Redaelli bħala kumpens għat-tul mhux raġonevoli tal-proċedura.

### Motivi u argumenti prinċipali

Id-deċiżjoni kkontestata f'din il-kawża hija l-istess waħda inkwistjoni fil-Kawża T-385/10, Arcelormittal Wire France et vs Il-Kummissjoni.

B'mod partikolari, ir-rikorrenti targumenta:

— li l-Kummissjoni wettqet ksur gravi tal-prinċipju ta' trattament ugħali billi applikat kriterji iktar stretti fir-rigward biss ta' Redaelli u billi rrifutat fil-konfront tagħha l-benefiċċju tal-klemenza, liema benefiċċju ngħata minflok lil impriżi oħra jen li t-talbiet għal klemenza tagħhom kien fihom, ftermini ta' "valur miżjud", kontenut modest ħafna u fermi infurjuri meta mqabbel mal-valur miżjud mogħti mir-rikorrenti. B'hekk, il-Kummissjoni kisret ukoll il-prinċipju tal-aspettattivi leggħiġġimi, peress li hija ttradiet essenzjalment l-aspettattivi leggħiġġi tar-rikorrenti li t-talba tagħha kienet ser tiġi evalwata fid-dawl tal-parametri elaborati fil-prattiċka tal-Kummissjoni fiż-żmien meta saret it-talba u stabbiliti fil-komunikazzjoni tal-2002.

— li l-Kummissjoni attribwiet b'mod żabaljat ir-responsabbiltà għall-akkordju għall-perijodu 1984-1992 lill-partijiet, minnha jipprova suffiċċenti dwar l-eżiżenza ta' tali akkordju matul il-perijodu inkwistjoni;

— li t-tul mhux raġonevoli tal-proċedura amministrativa pp-ġudika d-drittijiet tad-difiżja tar-rikorrenti, billi pprekludiha milli tagħmel użu minn provi li jiskaġunaw li fil-frattemp saru indisponibbli, u bl-istess mod kellu impatt negattiv fuq l-evalwazzjoni effettiva tat-talba għal klemenza mressqa mir-rikorrenti.

### Rikors ippreżentat fit-18 ta' Settembru 2010 — Dosenbach-Ochsner vs UASI — Sisma (Rappreżentazzjoni ta' rettangolu bi l-junfanti)

(Kawża T-424/10)

(2010/C 317/66)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Dosenbach-Ochsner AG Schuhe und Sport (Dietikon, l-Isvizzera) (rappreżentant: O. Rauscher, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Sisma SpA (Mantova, l-Italja)

### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-15 ta' Lulju 2010, fil-Każ R 1638/2008-4.
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: trade mark figurativa li tirrappreżenta rettangolu bi ljunfati, għal prodotti fil-klassijiet 10, 16, 21, 24 u 25.

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: SISMA S.p.A.

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti.

Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità: trade marks figurattivi internazzjonali u nazzjonali, li jiirrappreżentaw ljunfant, u t-trade mark nazzjonali verbali "elephant" għal prodotti fil-klassijiet 24 u 25.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda.

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud.

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 53(1)(a) flimkien mal-Artikolu 8(1)(b) u 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009<sup>(1)</sup>, peress li t-trade marks inkwistjoni jixxiebhu mill-aspett kunċettwali, grafiku u fonetiku u r-rikorrenti sostniet espressament li t-trade marks tagħha kisbu karattru distintiv sinjifikattiv minħabba użu intensiv jew minħabba r-reputazzjoni tagħha.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1)

### Rikors ippreżentat fil-21 ta' Settembru 2010 — Häfele vs UASI (Mixfront)

(Kawża T-425/10)

(2010/C 317/67)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Häfele GmbH & Co. KG (Nagold, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Eck u J. Dönch, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-30 ta' Ġunju 2010, fil-Każ R 338/2010-1;
- tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark verbali "Mixfront" għal prodotti fil-klassijiet 6 u 20.

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni miċħuda.

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud.

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b), (c) u (d) tar-Regolament (KE) Nru 207/2007<sup>(1)</sup>, peress li t-trade mark Komunitarja kkonċernata hija distintiva, ma hijiex deskrittiva u ma hijiex isem li sar użanza.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

### Rikors ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2010 — Moreda-Riviere Trefilerías vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-426/10)

(2010/C 317/68)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrenti: Moreda-Riviere Trefilerías, SA (Gijón, Spanja) (rappreżentanti: F. González Díaz u A. Tresandi Blanco, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrenti

- tannnulla, skont l-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2010) 4387 finali, tat-30 ta' Ġunju 2010, fil-Każ COMP/38344 — Azzar użat għall-prestressing;
- sussidjarjament, tannulla jew tnaqqas, skont l-Artikolu 261 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, lammont tal-multa imposta permezz tal-imsemmija deċiżjoni, u